MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2012

Numru 1056/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**(Spt. Edmond Cuschieri)**
**vs**
**Peter Joseph Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Peter Joseph Camilleri** ta' 43 sena, bin Alfred Vincent u Maria Dolores nee' Delicata, mwieled l-Ingilterra fl-14/08/1969, residenti 20, Frankfurt Flt 2, Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 51993(M);

Talli nhar il-11 t'Ottubru, 2012, ghall-habta tas-13:10hrs, gewwa San Pawl il-Bahar;

1. Ikkommetta serq ta' gojjellerija minn Super Gold Jewellers liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-

mezz u bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ €2329.37 li sar ghad-dannu ta’ Anton Ciantar u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Adriana Debono kontra l-volonta’ taghha;

3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l–persuna jew delitt ta’ serq kollu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

4. U aktar talli garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. B’hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizjorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f’dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;

Il-Qorti hija mitluba sabiex tapplika *mutatis metandis* id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-corpus delicti, armi u/jew ghodda ohra li ntuzaw waqt id-delitt;

Il-prosekuzzjoni f’kaz ta’ htija qeghda wkoll titlob il-Qorti tordna sabiex ikun hemm il-hlas tal-ispejjez peritali li kien hemm fl-inkjesta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-lum stess;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 86, 261(a)(b)(c), 262 (1)(a)(b) u (2), 275, 277(b), 579(2) tal-Kap 9, 6, 55 (a)(b) u 56 ta' Kap 480;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tenut kont tal-gravita' tar-rejat, tal-ammont misruq u li dan sar b'sekwestru ta' persuna, l-Qorti tapplika l-piena indikata fl-artikoli fuq indikati mizjuda bi grad u ghalhekk tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) snin mil-lum;

Tikkundannah inoltre sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qrati, l-ispejjez li saru fil-kors tal-inkjesta dwar dan il-kaz u dan skond l-artikolu 533 tal-Kap 9;

Tordna l-konfiska tal-corpus delicti uzati mill-imputat fil-kommissjoni tar-rejat;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ikun applikat l-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap 373 stante li mhux indikat li jsir hekk fil-kawza odjerna.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali biex il-kawza tkun deciza bil-procedura sommarja, il-Qorti tibghat dawn l-atti lill-avukat generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------